MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Mandat Numru. 1804/2008/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1804/08 fl-ismijiet:

Supretendent Anzjan Raymond G. **ŻAMMIT**

vs

**IL-MINISTRU TAL-INTERN U ĠUSTIZZJA** Onor. Dr. Carm Mifsud Bonniċi u l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta’ Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli joħorġu l-promozzjonijiet fil-kariga ta’ assistent Kummissarju (fil-korp tal-Pulizija)

"stante li r-riżultat intern ta' l-*internal call for applications* huwa wieħed vizzjat u li r-rikorrent ma ngħatax il-marki meħtieġa u dovuti, anzi ngħata marki baxxi mhux dawk mistħoqqa, dwar *job-related knowledge* u dawk relatati mas-*seniority* u tpoġġa għalhekk fis-sitt post bħala *order of merit* meta effettivament kellu jkun fit-tieni jew it-tielet post bħala *order of merit*";

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 2008, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament u ordnat in-notifika lill-intimat b'jumejn żmien għat-Tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-19 ta' Novembru, 2008, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li t-talba saret qabel waqtha, għaliex ir-rikorrent kien messu ressaq appell mir-riżultat fi żmien għaxart ijiem minn meta nħareġ l-istess riżultat kif jitolbu r-regolamenti[1], minflok talab il-ħruġ tal-Mandat. Fil-mertu, żiedu jgħidu li r-rikorrent m'għandu l-ebda dritt *prima facie* x'jittutela billi "ħadd m'għandu dritt illi jingħata promozzjoni" u dan billi "promozzjoni mhux awtomatika u lanqas hija sinonima ma' anzjanita' fil-Korp". Ladarba l-ordni tal-meritu tar-riżultat hu stabilit mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rikorrent lanqas m'għandu xi jedd li jattakka dak ir-riżultat, għaliex il-kwestjoni tal-qadi xieraq u kif imiss tal-funzjonijiet tagħha "*ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti*"[2];

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2008, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2008;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors u r-regolamenti rilevanti marbutin mal-każ;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

---

[1] § 1.1.10.3 tal-*Public Service Management Code*
[2] Art. 115 tal-Kostituzzjoni

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li jinżamm il-ħruġ tal-promozzjonijiet dwar il-ħatra ta' Assistenti Kummissarji fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta għaliex jgħid li l-proċess tal-għażla kien "wieħed ivvizzjat" u għaliex ma ngħatax il-marki li jistħoqqlu. Jisħaq li, kieku ngħata l-marki li jistħoqqlu, kien jiġi "t-tieni jew it-tielet post bħala *order of merit*". Huwa jgħid li kien hemm ħames postijiet battala, u hu ġie s-sitt wieħed fil-gradwatorja, u għalhekk iqis li nqabeż bla mistħoqq;

Tqis li l-intimati jgħidu li t-talba tar-rikorrent ma jmisshiex tintlaqa', l-ewwel nett għaliex saret qabel waqtha, għaliex ir-rikorrent messu ressaq appell fiż-żmien mogħti. Imma, l-intimati jżidu jgħidu li, lanqas kieku appella, xorta waħda r-rikorrent m'għandux jedd jitlob il-ħruġ tal-Mandat, għaliex hu ma kellux jedd li tabilfors jingħata promozzjoni, għaliex il-proċess tal-għażla sar sewwa u skond ir-regoli stabiliti;

Tqis li, normalment, fejn f'proċedura għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni titqajjem "eċċezzjoni preliminari", il-Qorti ma tiqafx milli tqis is-siwi tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat biex tistħarreġ eċċezzjoni bħal dik. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet (x'aktarx tejoretiċi jew legalistiċi) marbutin ma' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[3];

Tqis, madankollu, li f'kull każ intwera li dik l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa għaliex jirriżulta li r-rikorrent inqeda minn dak ir-rimedju[4] u talab lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex terġa' twettaq mill-ġdid l-eżerċizzju tal-għażla. Billi dak il-proċess ta' appell ma ntemmx, iżda wkoll billi l-fatt li huwa appella ma jfissirx li l-konferma tar-

[3] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[4] Dok "RGZ3", f'paġġ. 22 – 3 tal-atti

riżultat titwaqqaf għaliex ikun hemm dak l-appell, ir-rikorrent ma naqas bl-ebda mod li jitlob il-ħruġ tal-Mandat pendenti l-eżitu tal-appell tiegħu;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[5];

Tqis li bil-liġi, fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li hu jkun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[6]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[7];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[8]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u

---

[5] Art. 873(1) tal-Kap 12
[6] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[7] Art. 875(3) tal-Kap 12
[8] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[9] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis li jirriżulta li r-rikorrent applika biex ikun kunsidrat f'għażla għall-ħatra fil-grad ta' Assistent Kummissarju wara sejħa għall-applikazzjonijiet li saret fl-10 ta' Ġunju, 2008.[10] Is-sejħa kienet tgħodd għal dawk li kienu diġa' membri fil-korp tal-Pulizija dak inhar fil-kariga ta' Suprintendenti. Ir-rikorrent spiċċa s-sitt (6) minn fost għoxrin (20) li ħadu sehem[11]. Huwa ġab tnejn u sebgħin (72) marka minn mija. F'din is-sejħa riedu jintgħażlu tliet kandidati (biex jimlew il-postijiet battala jew li kienu waslu biex jitbattlu). Ir-riżultat, kif preskritt li jsir normalment[12], intbagħat mill-Bord tal-Għażla lill-Kummissjoni dwar is-

[9] Art. 873(3) tal-Kap 12
[10] Dok "LB2", f'paġ. 29 tal-atti
[11] Dok "RŻ1", f'paġ. 25 tal-atti
[12] § 1.2.1.13 tal-*Public Service Management Code*

Servizz Pubbliku u lill-intimat Kummissarju tal-Pulizijali, li min-naħa tiegħu iddikjara li kien jaqbel mal-gradwatorja[13];

Tqis li r-rikorrent ma jidhirx li għandu jedd mad-daqqa t'għajn li tabilfors jingħata l-promozzjoni minnu mixtieqa. Ix-xewqa li wieħed jingħata promozzjoni ma tissarrafx tabilfors f'jedd li jiksibha. Il-jedd huwa dak li jieħu sehem fi proċess tal-għażla li jitmexxa kif imiss;

Tqis li huwa minnu li r-rikorrent wera li huwa għandu kwalifiki mill-aqwa[14], servizz twil u esperjenza wiesgħa[15], kredenzjali sodi ta' responsabbilta'[16], kwalifiki akkademiċi[17] u għaqal fit-twettiq tal-ħatriet li dejjem ingħata tul il-karriera tiegħu fil-Korp[18]. L-intimati ma jmieru xejn minn dawn il-kisbiet u ħiliet tiegħu. Iżda dawn l-elementi lanqas ma jidher li huma nieqsa f'dawk l-oħrajn minn sħabu li ġew qablu fil-gradwatorja (*order of merit*). Dan ifisser li l-eżerċizzju tal-għażla kien ir-riżultat ta' tqabbil ta' għadd ta' kriterji li kienu meqjusin flimkien mill-Bord;

Tqis li huwa stabilit li "*The primary factor in determining the selection of officers for promotion is the maintenance of the high standard of efficiency necessary in the public service. In the making of promotions, due consideration will be given to qualified officers serving in the Public Service and account is taken of qualifications, experience and merit, before seniority in the service*"[19]. Il-kriterju tal-anzjanita' huwa wieħed "sussidjarju" għall-kwalifiki l-oħrajn[20] li jitqiesu ewlenin u li jittieħdu flimkien;

Tqis li, għar-rigward it-tieni element, il-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li

---

[13] Dok "LB1", f'paġ. 28 tal-atti
[14] Xhieda ta' Joseph C. Gauċi 12.12.2008
[15] Xhieda tal-Ass.Kumm Joseph Brincat 12.12.2008
[16] Dok "RGZ2", f'paġ. 21 tal-atti
[17] Dok "NF1" f'paġ. 26 tal-atti
[18] Xhieda ta' RSM Noel Feliċe 12.12.2008
[19] § 1.3.2.1 tal-*Public Service Management Code*
[20] § 1.3.10. tal-*Public Service Management Code*

jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[21], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. B'żieda ma' dan, jekk kemm-il darba ma jintweriex li għad fadal issir xi ħaġa oħra minn dak li r-rikorrent qieghed jitħasseb minnha, lanqas ma jkun sodisfatt l-element tal-ħtieġa;

Tqis li, fil-każ preżenti, l-ħtieġa għar-rikorrenti li jinħareġ il-Mandat minnu mitlub ma tirriżultax għaliex jekk inhu minnu li l-proċess tal-għażla kien vizzjat, huwa jibqagħlu bla mittiefes il-jedd li jieħu l-passi meħtieġa biex jingħata r-rimedju jew il-kumpens li jixraq, jieqaf jew ma jiqafx il-proċess preżenti. Fit-tieni lok, diġa' ntwera[22] li, minn kemm ilu fil-kariga ta' suprintendent, ir-rikorrent diġa' ħa sehem darb'oħra f'sejħa għall-għażla u ma kienx intagħżel, iżda għadu ta' eta' tali u xejn ma jfixklu milli jerġa' jitfa' l-applikazzjoni f'każ ta' sejħa oħra li tista' ssir fil-ġejjieni;

Tqis li marbut sfiq ma' dak li għadu kemm ingħad hemm l-aspett tal-proporzjonalita'. Il-ħsara li r-rikorrent iġarrab kieku l-Mandat ma jinħariġx hija anqas mill-ħsara li t-twaqqif tal-proċess tal-għażla jħalli fil-Korp tal-Pulizija in ġenerali u, in partikolari, ta' dak jew dawk minn sħabu li l-istess rikorrent jistqarr li jixirqilhom ikunu qablu fil-gradwatorja (*order of merit*)[23];

Tqis li għalhekk ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, bl-ispejjeż kontrih; u

**Tħassar** *contrario imperio* d-degriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 2008, safejn hija kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament.

---

[21] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

[22] Xhieda tal-Ass. Kumm. Joseph Brincat 12.12.2008

[23] Fix-xhieda tiegħu, r-rikorrent jidentifika lis-Supt. Bartolomeo Mula bħala wieħed li żgur jistħoqqlu jkun qablu

Mogħti kameralment illum,  15 ta’ Diċembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------